MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tal-15 ta' Diċembru, 2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Stephen Spiteri**

**Kumpilazzjoni Nru: 7/2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Stephen Spiteri, ta’ 40 sena, iben Victor Spiteri u Censina nee’ Scerri, imwieled l-Awstralja fid-19 ta’ Mejju, 1972 u residenti gewwa Entratura A, Flat 6, Triq il-Ghajn, Valletta, Malta u detentur tal-karta ta’ l-identita’ Maltija numru 75186(M).

Akkuzat talli:

Nhar it-30 ta’ Gunju, 2012 fil-hinijiet ta’ filghodu gewwa Triq San Mikiel, Marsa ghamel hsara volontarja fuq hwejjeg haddiehor (vettura BBV 183) liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€ 1,164.69), imma ta’ izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47) ghad dannu ta’ Martin Zammit li ghandu numru tal-karta tal-identita’ 640053(M) u persuna\i ohra;

U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie misjub hati b’sentenza moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-artikoli 49, 50 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ra l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-imputat qed jigi akkukzat li nhar it-30 ta' Gunju 2012 volontarjament ikkawza hsara fil-vettura registrata f'isem certu Martin Zammit.

Illi ghalkemm registrata f'isem Martin Zammit din il-vettura kienet effettivament ta' ibnu Brandon Zammit. Dan Brandon Zammit ma xehedx f'dawn il-proceduri imma iddikjara li huwa qed jahfer lill-imputat ta' l-akadut u rrinunzja ghall-azzjoni kriminali fejn din hija rinunzjabbli.

Illi mill-atti jirrizulta li Brandon Zammit kien qieghed f'relazzjoni ma'l-ex mara ta' l-imputat. Dak in-nhar tat-30 ta' Lulju 2012 Brandon Zammit kellu l-vettura pparkjata l-Marsa; meta mar hdejn il-vettura biex isuqha rrealizza li kellha hafna briex. Kellem lil xi nies li joqghodu fil-vicinanzi inkluz xi familjari ta'l-imputat li qalulu li l-imputat kienu rawh fil-vicinanzi; certu Charmaine Fiteni qaltlu li rat ragel idur hdejn il-vettura. Dan kollu jirrizulta minn dak li qal Brandon Zammit lill-pulizija meta mar jirrapporta l-akkadut.

Illi l-unika xhud (minbarra l-ufficjal prosekutur u s-surgent li ha r-rapport u rapprezentant ta' Transport Malta) li tat d-depoizizzjoni taghha quddiem din il-Qorti kienet Charmaine Fiteni. Hija kienet xhud riluttanti hafna u ghalkemm waslet biex ammettiet li rat ragel idur mal-vettura ta' Zammit baqghet tinsisti li hi ma kenitx taf min hu u lanqas gharfietu bhala l-imputat.

Illi da parti tieghu l-imputat dejjem insista li huwa qatt m'ghamel hsara fil-vettura ta' Zammit.

Illi huwa car mis-suepost li ma jezistux provi bizzejjed biex il-Qorti tkun sodisfatta ’l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-hsarat li dwarhom sar ir-raport lill-pulizija gew ikkawzati propju fil-gurnata in ezami u li kien propju l-imputat li kkawzahom.

Ghal dawn il-motivi kQorti ma ssibx lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------